**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Jannar 2021.**
**Rikors guramentat numru : 250/2019**

**AB**

**vs**

**Dr. Benjamin Valenzia u PL Joeline Pace Ciscaldi nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil CB ta' nazzjonalita` Tajlandiza assenti mill-Gzejjer Maltin, b' digriet tat-30 ta' Jannar 2020.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors Guramentat tar-rikorrenti AB, detentur tal-karta tal-identita` numru, 367878 (M) u residenti, 7, 'Piccatt' Triq Guzeppi Ellul, Hal Luqa, datat 13 ta' Novembru 2019 fejn espona umilment u bil-gurament tieghu kkonferma:-

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg civili f'Malta, fit-tmintax ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (18/03/2013), f'cerimonja li saret gewwa Monte Kristo Estate, Hal Farrug, limiti ta' Hal Luqa u dan skont ic-certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv, tnejn zero tas-sena elfejn u hamsa (20/2013), liema certifikat jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba f'inkompatibbilita' ta' karattru u kif ukoll minhabba nuqqasijiet gravi imputabbli unikament lill-intimata u dan peress illi l-intimata saret hatja versu l-attur ta' adulterju, eccessi, sevizzi, u ngurji gravi b'mod li rrendiet il-hajja konjugali ta' bejniethom impossibli u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-intimata ilha li abbandunat id-dar matrimonjali mill-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (14/08/2019) u dan wara li l-attur qam fil-ghodu u sab l-intimata kienet hadet xi oggetti personali taghha u kif ukoll kien hemm il-valiga taghha tas-safar nieqsa. L-attur sar jaf li dakinhar stess l-intimata kienet telqet minn Malta ghat-Tajlandja permezz ta' biljett tal-ajru minghajr ritorn;

5. Illi, in oltre, l-attur flimkien mal-intimata, kienu dahlu ghall-kuntratt ta' self u xiri tal-fond, ossia, l-appartament internament bin-numru sebgha (7) formanti blokk ta' appartamenti bl-ittra 'A' sitwat fit-tieni sular fi Triq

Gorg Zahra, Hal Luqa, in atti n-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, datat l-ghaxra ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (10/07/2019), bin-numru tal-Insinwa, tnejn, zero, tlieta, tnejn, hamsa tas-sena elfejn u dsatax (20325/19) (Dok 'B') u sussegwentement b'kuntratt iehor ta' donazzjoni maghmul minn missier ir-rikorrent li b'titolu ta' donazzjoni ta lill-partijiet kontendenti s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€27,600) u dan sabiex ikunu jistghu jhallsu l-ghaxra fil-mija depozitu, datat l-istess data tal-ghaxra ta' Lulju elfejn u dsatax (10/07/2019), in atti l-istess nutar fuq citat, bin-numru tal-Insinwa wiehed, tmienja, sebgha, tlieta, sebgha tas-sena elfejn u dsatax (18737/19) (Dok 'C');

6. Illi r-rikorrent, intavola l-proceduri ta' medjazzjoni sabiex ikun jista' jibda bil-process ta' separazzjoni personali fejn ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jistitwixxi din il-kawza u dan permezz ta' Digriet moghti mill-Onorevoli Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D, LL.M (IMLI) datat wiehed u ghoxrin ta' Ottubru elfejn u dsatax (21/10/2019), (Dok 'D');

7. Illi in oltre, r-rikorrent qieghed jipprezenta l-Affidavit tieghu (Dok 'E');

Ghaldaqastant, r-rikorrenti, in vista tas-suespost titlob umilment lill-intimat jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(a) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet imputabbli lill-intimata u għall-finijiet ta' l-Artiklu 48(c) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess intimata għandha tiġi kkunsidrat li minnha kien ħati tal-firda;

(b) Tawtorizza lir-rikorrent jgħix separatament minn ma' martu l-intimata;

(c) Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, jekk ikun hemm il-htiega, u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

(c) Tassenja s-sehem tal-intimata mill-immobbli ossia, l-appartament, u kif ukoll il-mobbli kollha li hemm fih, internament bin-numru sebgha (7), formanti Blokk ta' appartamenti bin-numru 'A', bl-isem ta' 'Fair Winds Courts', fi Triq Gorg Zahra, Hal Luqa, lir-rikorrent u b'mod li dan ikollu l-proprjeta' intiera ta' dan l-appartament u tal-mobbli li hemm fih, u kif ukoll li kull dejn li ghadu pendenti fuq l-appartament *de quo* ghandu jigi mhallas esklussivament mill-istess rikorrent;

(d) Tapplika kontra l-intimata, Orathai Piccione internament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal- Kodici Civili, Kap. 16, Tal-Ligijiet ta' Malta.

(e) Tiddikjara illi l-intimata iddekadiet minn kull dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrent;

(f) Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

(g) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inizzel l-annotazzjonijiet appositi fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet u dan skont is-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta tal-kuraturi deputati Dr Benjamin Valenzia u PL. Joeline Pace Ciscaldi datata 11 ta' Gunju 2020 fejn esponew bir-rispett**:-

1. Illi hu ma hux edott mil-fatti;

2. Illi l-esponent jitlob illi jinghata l-ahhar indirizz maghruf tal-assenti CB u kif ukoll l-ahhar numru tal-mobile tal-istess u kif ukoll jipprovdi jew jikkonferma sabiex l-esponent ikun jista' jaghmel kuntatt mal-istess. Ir-rikorrenti ghandu ukoll jipprovdi, jekk dan hu possibbli l-ismijiet tal-familjari tal-assenti u kif ukoll l-ahhar indirizz maghruf ta' CB jew tal-familjari taghha fit-Tajlandja;

3. Illi in linea preliminari l-esponent ghandu jipprovdi traduzzjoni mil-Lingwa Maltija ghal dik Ingliza tal-atti fil-kaz illi l-esponent jaghmel kuntatt mal-assenti u dan kif jigri is-soltu meta l-parti l-ohra fil-kawza tkun ta' nazzjonalita' barranija;
4. Illi t-talba f' ittra legalment hija insostennibbli u ghaldaqstant, ghandha tigi michuda galadarba hemm it-talba 'c'li tkoppri l-istess mertu;

5. Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli skont il-Ligi f' kaz fejn il-kuraturi deputat noe jirnexxilu jaghmel kuntatt mal-istess assenti wara li jigi provdu bl-ahhar dettalji jew dawk id-dettalji maghrufa mir-rikorrenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1. L-attur sar jaf lill-konvenuta C ta' nazzjonalita' Tajlandiza, waqt btala li kien ghamel ma' shabu t-Tajlanda fl-2010. Wara tlett xhur kien gabha Malta u wara li kienu ghamlu l-arrangjamenti sabiex tottjeni visa u residenza hawn Malta, kienu bdew jaghmlu l-pjanijiet sabiex jizzewwgu.

Kienu damu xi sentejn u nofs gharajjes u kienu jghixu go dar mikrija f'Hal Luqa. Kienu eventwalment izzewwgu fit-18 ta' Marzu, 2013. Ghal bidu kollox kien jidher mixi sew, izda f' Awissu, 2017 kienu bdew il-problemi fuq il-flus, Il-konvenuta kienet kontinwament titlob lill-attur flus sabiex tibghathom lill-familja taghha t-Tajlandia, L-attur jistqarr li gieli kien baghtilha f'sena cirka €7, 000, li minnhom kienet thallas il-vjagg taghha darba fis-sena ghat-Tajlandia.

F'Awissu, 2017, il-konvenuta riedet tmur it-Tajlandia u sab li l-konvenuta kienet uzat il-flus li kien iwarrab ghal dan il-vjagg. Intebah ukoll li l-konvenuta kienet bieghhet id-deheb li kien xtralha u dan biex tibghat il-flus lil ommha. L-attur jinkonferma li kien irrabbja hafna, izda wara kienu qablu li ma jibghatux flus ohra lill-omm il-konvenuta.

Hawn kienet bdiet tinbidel il-konvenuta u kienet bdiet tiggieled mieghu sabiex ihalliha tmur tahdem. Kienet taghmillu ukoll hafna pressjoni sabiex jinhargilha c-cittadinanza, li kienet akkwistata f'Dicembru, 2018.

L-attur jammetti li kien ried tarbija u bdew jippruvaw, izda wara li hadu parir professjonali rrizulta li l-konvenuta kellha *coil* li kienet giet impoggija hazin it-Tajlandia. Kienu bdew il-proceduri tal-IVF u wara li l-ewwel intervent kien falla, il-konvenuta ma riditx tkompli bl-iskuzi li kellha tmur it-Tajlandja u li kienet giet offerta xoghol bhala receptionist gewwa massage parlour f'San Giljan u Sliema.

F' Ottubru, 2018, il-konvenuta kienet marret it-Tajlandia u kienet damet ma giet lura u meta giet kienet infurmatu li kienet fethet ristorant hemmhekk.

F' Gunju 2019 kienet giet oht il-konvenuta ghall-btala u kienet qaghdet maghhom, Inqala' dizgwid bejniethom peress li ohtha riedet tahdem maghha fil-massage parlour u l-attur kien oggezzjona peress li ma kellhiex permess tax-xoghol. Oht l-konvenuta kienet hebbet ghall-attur b'sikkina, meta kienet oggezzjoni li kienu ser jitilqu lejn il-Korea fil-15 ta' Lulju, 2019. Wara li kien ghamel rapport, il-pulizija kienu talbu lil oht il-konvenuta sabiex titlaq minn Malta. Il-konvenuta kienet baqqghet hawn, izda minn dakinhar kienet bdiet tinjorah u lanqas torqod mieghu. Kienet anke talbitu l-flus li kienet hallset ghall-vjagg u kien hallasha.

Fl-14 ta' Awissu, 2019, l-attur kien qam u sab li l-konvenuta kienet telqet mid-dar u kienet hadet hwejjigha. Kien sar jaf li kienet telqet mal-Qatar Airways fejn kellha biljet one -way, minghajr return u kien ghalhekk li kien ghamel rapport.

Mal-wasla taghha Qatar, il-konvenuta kienet baghtet messagg lill-attur fejn qaltlu li kien iddispjaciha li kienet mara hazina u l-attur beda jissuspetta li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' ragel iehor[1] u kien beda jaghmel ricerka fuq Facebook u sab li kienet ma' ragel Tajlandiz, li mieghu kienet fethet ir-ristorant it-Tajlandia. Ra ukoll ritratt fejn kienu qed jiccelebraw xi haga bejniethom u kien jidher li kienu f'relazzjoni.

Minn dak li beda jara kien induna li l-konvenuta ma kinitx tahdem bhala receptionist, izda mill-massage parlour kienet tahdem bhala prostituta. Beda jissuspetta ukoll li kien infett b'marda mis-sess STD u kien mar jaghmel it-testijiet, minn fejn irrizulta li kien negattiv. [2]

Dwar id-dar matrimonjali, l-attur jikkonferma li kien gie ffirmat il-kuntratt tal-flat li kienu xtraw Hal Luqa u kienu hadu self mill-Bank fl-ammont ta' €134, 100. Ighid li l-10% depozitu kien hallsu missieru DB u kien s'issa ghamel tlett pagamenti lill-Bank.

2.DB, missier l-attur ighid li hu u martu ma tantx kienu hadu gost meta l-attur kien infurmahom li kien iltaqa' mal-konvenuta waqt btala fit-Tajlanda. Peress li l-attur kellu l-eta' tieghu, accettaw id-decizjoni tieghu u laqghu lill-konvenuta qisha binthom.

Jikkonferma li wara li damu sentejn gharajjes kienu ddecidew li jizzewwgu u kien hu li hallas ghall-ispejjes tat-tieg. Ikompli jghid li l-attur xtaq it-tfal, izda l-konvenuta ma tantx kienet tidher herqana.

---

[1] Dok. RP 4

[2] Dok. RP 23 u RP 24

Il-konvenuta ma tantx kienet tmidd idejha, kienet taghmel kollox martu u lanqas kienet tghinu fil-hanut tat-takeaway li kellu. Imbaghad beda jinduna li kienet bdiet tinbidel u rari kienet tmur ghandhom. Jikkonferma li l-attur kien sab ukoll xi flus nieqsin u kien spicca jargumenta mal-konvenuta u kien iddispjacih li kienet hadet il-flus minghajr ma staqsietu.

Missier l-attur jikkonferma li l-attur u l-konvenuta kienu xtraw post u kien hallsilhom id-depozitu mal-konvenju. Kien ukoll dahal garanti ghall-post. Kienu ukoll hallsulu l-ispejjes relatati mal-IVF, biex wara skoprew li l-konvenuta kienet ghamlet xi operazzjoni biex ma jkollhiex tfal. Jikkonferma li sa llum, l-attur kien qed ihallas s-self tal-Bank u jammetti li xi kultant ighinuh finanzjarjament.

Jikkonferma ukoll l-incident li sehh bejn l-attur u oht il-konvenut, fejn kienet hedditu b'sikkina, tant li kellu jaghmel rapport. Ftit wara l-konvenuta kienet telqet l-attur.

## KONSIDERAZZJONIJIET

## RESPONSABBILITA'

L-attur qed izomm lill-konvenuta responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, eccessi, sevizzi u ngurji gravi.

### ADULTERJU

Illi r-rikorrenti thoss li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-firda taghhom u dan peress li rrenda ruhu hati ta' adulterju. Iz-zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi***

***sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-

hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Il-partijiet kienu ltaqghu meta l-attur kien mar btala t-Tajlandia. Kienu damu sentejn gharajjes. Maz-zwieg, il-konvenuta kienet kontinwament titlob lill-attur ghall-flus biex tibghat lill-familja taghha u kien fil-fatt ighaddilha cirka €7,000 fis-sena.

Il-problemi bdew jizdiedu meta l-attur sar jaf li l-konvenuta kienet haditlu xi deheb u bieghetu biex tghaddi iktar flus lill-familja taghha. Dan il-glied wassal ghal iktar insistenza tal-konvenuta biex tohrog tahdem u effettivament sabet impjieg f'massage parlour. Skond l-attur dan kien kollu messa in xena ghaliex fil-fatt, il-konvenuta kienet qed tahdem bhala prostituta.

L-attur kien diga' konsapevoli li z-zwieg tieghu ma kienx miexi harir, tant li meta kien inqala' d-dizgwid bejnu u oht il-konvenuta, li kienet giet btala Malta u spiccat tahdem gewwa massage parlour ukoll, ir-relazzjoni taghhom inbidlet ghal kollox. Il-konvenuta kienet tinjorah u lanqas baqqghet torqod mieghu, sakemm f'Awissu, 2019 kien sab li kienet ippakkjat u telqet minn Malta.

L-attur kien ikkonferma li l-konvenuta kienet qieghdha f'relazzjoni ma' ragel Tajlandiz, li mieghu kienet f'relazzjoni. Il-konvenuta stess tammetti mal-attur li kienet mara hazina u dizonesta fil-konfront tieghu. Bghatitlu diversi ittri u lanqas hbiet l-posts fuq Facebook biex turi li qiedgha ma' ragel iehor.

Ghaldaqstant, il-provi kollha jwasslu ghall-konkluzzjoni li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju u sevizzi.

Ai fini tal-Artikolu 48(c) id-data minn meta l-attrici rrendiet ruhha hatja tas-separazzjoni hija tal-14 ta' Awissu, 2019.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Tul iz-zwieg, il-partijiet kienu xtraw post fond numru 7 fi Triq Gorg Zahra, Hal Luqa fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef fl-10 ta' Lulju, 2019, filwaqt li missier l-attur kien taghhom donazzjoni fis-somma ta' €27, 600 u dan sabiex setghu jhallsu l-ghaxra fil-mija depozitu u dan kien fl-10 ta' Lulju, 2019.

L-attur baqa' jhallas is-self, filwaqt li missieru jikkonferma li hemm drabi fejn ighin l-istess ibnu bil-pagamenti.

Il-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju u telqet minn Malta u lanqas biss dehret fil-kawza. Tenut ta' dan kollu u peress li l-aggravju tas-separazzjoni, l-adulterju huwa dak l-aktar serju, dan iwassal sabiex anke dina taghti lok ghall-penalitajiet.

Huwa evidenti li meta l-konvenuta giet Malta, ma kellha ebda intenzjoni li tibni relazzjoni maritali, izda kienet biss interessata b'mod materjali biss. Ghalhekk huwa gust li d-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attur.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u zzomm il-konvenuta responsabbli ghas-separazzjoni minhabba adulterju, eccessi u sevizzi u dan sa mill-14 ta' Awissu, 2019.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba u peress li l-uniku ass appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti hija l-fond matrimonjali li jgib in-numru 7A, Fair Winds Courts, Triq Gorg Zahra, Hal Luqa u peress li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, ghandha tapplika fil-konfront taghha d-dekadenza minn dan l-akkwist.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici ghar-ragunijiet decizi fit-talba 3 hawn fuq.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici.

7. Tichad is-seba' talba u dan minhabba mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi gid iehor.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**